



Dokument ta' sessjoni

B9-0208/2024

3.4.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

(2024/2655(RSP))

Jeroen Lenaers

f'isem il-Grupp PPE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (2024/2655(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 6, 7, 10, 21, 35 u 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 4, 5, 6 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li ġiet adottata fil-25 ta' Settembru 2015 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, u b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 3, 5 u 16 u l-indikaturi relatati,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979, u r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali Nru 21 (1994), Nru 24 (1999), Nru 28 (2010), Nru 33 (2015) u Nru 35 (2017) tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dritt għall-ħajja, il-libertà u l-privatezza huma drittijiet tal-bniedem essenzjali u fundamentali, kif stabbiliti fil-Karta u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- B. billi l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TUE u fl-Artikoli 2, 3, 4, 5 u 6 tat-TFUE;
- C. billi l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenza diretta biex taġixxi fl-avvanz tad-dritt għall-abort fl-Unjoni iżda l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sseħħ permezz tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni; billi l-liġijiet dwar l-abort u r-regolamentazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali;
- D. billi edukazzjoni sesswali komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza, mhux diskriminatorja u adattata għall-età tiffaċilita mgħiba sesswali responsabbli u taġti s-setgħa lit-tfal u liż-żgħażaġh, peress li tipprovdi informazzjoni xjentifikament preċiża u adattata għall-età dwar is-sesswalità, filwaqt li tindirizza kwistjonijiet ta' saħħa sesswali u riproduttiva; billi l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva huwa essenzjali; billi l-għoti ta' xi forma ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità u s-saħħa diġà huwa

obbligatorju fil-maġġoranza tal-Istati Membri; billi l-edukazzjoni hija responsabbiltà tal-familji u hija kompetenza tal-Istati Membri;

- E. billi l-ewwel nett għandu jsir kull sforz biex jitnaqqas l-għadd ta' aborti; billi l-aborti mhux sikuri joħolqu riskju għal saħħet in-nisa u għal ħajjithom; billi l-għoti tas-setgħa lin-nisa, l-inkoraġġiment u l-appoġġ li jirċievu huwa valur Ewropew inerenti li għandna nippromwovu u niddefendu;
- F. billi t-tnejn tal-futur tal-Ewropa timplika appoġġ għall-familji u għall-ġenituri;
1. Jisħaq fuq il-fatt li l-persuni kollha huma intitolati għal dinjità inerenti u drittijiet ugwali u inaljenabbli, ibbażati fuq il-libertà, il-ġustizzja u l-paċi; jenfasizza li n-nisa għandhom id-dritt għall-integrità fiżika u l-libertà li jkunu responsabbli għal ġisimhom u għall-għażliet tagħhom;
 2. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà għar-regolamentazzjoni tal-għoti tal-kura f'każ ta' abort, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà filwaqt li l-UE għandha l-kompetenza li tappoġġja, tikkoordina jew tissupplementa dawn l-azzjonijiet;
 3. Jenfasizza li fil-Karta hemm imnaqqxa valuri li huma komuni għall-Istati Membri u kondiviżi universalment miċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li d-dritt għall-abort jibqa' kwistjoni kkontestata b'varjetà ta' fehmiet fis-soċjetajiet tal-UE u soluzzjonijiet ta' politika u oqfsa legali diverġenti magħżula mill-Istati Membri; ifakkar li kwalunkwe emenda tal-Karta tkun tirrikjedi approvazzjoni unanima mill-Istati Membri;
 4. Ifakkar li l-Karta nnifisha ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-UE għal kwistjonijiet li mhumiex parti mill-kompetenzi normali tagħha u li trid tiġi applikata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, u hija applikabbli għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplementaw id-dritt tal-UE; jinnota, madankollu, li jekk l-aċċess għall-abort isir kompetenza tal-UE, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni relatata mal-abort tista' tirriżulta f'żieda fl-aċċess għall-abort f'xi Stati Membri filwaqt li ssir aktar ristretta f'oħrajn;
 5. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ pożittiv u proattiv għall-kura tas-saħħa matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja umana; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kull persuna jkollha aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u komprensiva, u li dan ikun disponibbli bl-istess mod għal kulħadd; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess nondiskriminatorju għall-kura rispettuża tal-maternità, tat-tqala u relatata mat-twelid għal kulħadd, inklużi l-kura tal-qwiebel, ta' qabel it-twelid, tat-twelid u ta' wara t-twelid, u l-appoġġ għas-saħħa mentali materna; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ ekonomiku u soċjali lin-nisa tqal;
 6. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jimplementaw id-deċiżjonijiet rilevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u, fejn meħtieġ, jaġġornaw l-oqfsa legali u amministrattivi tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.